MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 105/1992/1

**Patrick Said f' ismu proprju u esercjenti l-kummerc that l-isem P.J.S**
**vs**
**Kontrollur tad-Dwara**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors presentat mir-rikorrent fejn wara li espona:

Illi huwa xtara erbatax il-novelty game u l-ispares ghalihom bil-prezz ta' elf u tmien mitt lira sterlina minghand The United Distributing Company (Coin Machine Sales) Ltd. ta' l-Ingilterra (Dok. A) peress illi sab il-bejgh ghalihom bi prezz vantagguz f'Palermo, Sqallija (Dok. B);

Illi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li din il-merkanzija tigi impurtata f'Malta u fil-fatt qatt ma ghamel import licence u entries ghalihom; l-intenzjoni tieghu kienet minn dejjem li

dawn l-oggetti jibqghu in bond u jintbaghtu Sqallija ghand min xtrahom – fil-fatt applika u mela l-formoli kollha mehtiega ghal dan l-iskop (Dok. C, D, u E);

Illi l-intimat halla lill-esponenti bla risposta ghal dan l-applikazzjoni tieghu sabiex l-oggetti imsemmija jintbaghtu Sqallija;

Illi kull darba illi l-esponenti mar ikellem lill-Ufficjal tad-Dwana sabiex jara fejn waslet l-imsemmija applikazzjoni tieghu kien jigi nfurmat li “ghadhom jahsbuha”;

Illi wara li ghaddew hafna xhur l-esponenti ircieva Nota ta’ Qbid Numru 42/1991 hawn annessa bhala Dokument ‘F’ riferibilment ghall-imsemmija novelty games u spares;

Illi permezz ta’ ittra lill-Kontrollur tad-Dwana datata 6 ta’ Jannar, 1992 (Dokumenti G u H) ta’ d-debitu avviz lill-Kontrollur tad-Dwana li huwa kien bi hsiebu jitlob l-oggetti imsemmija fl-istess Nota ta’ Qbid;

Illi huwa nteressat li l-imsemmija oggetti maqbuda jigu rilaxxati sabiex jintbaghatu barra u jigi kkompensat ghad-danni li sofra u dan peress illi r-rikorrenti sofra danni minhabba l-agir imsemmi ta’ l-intimat;

Illi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-agir ta’ l-intimat kien inkorrett stante l-fatt illi l-esponenti ma ghamel xejn hazin, qatt ma pprova jimporta l-oggetti de quo fil-pajjiz u sahansitra dejje irrefera ghalihom bin-numru korrett taghhom u cioe Customs HSC 9504.3000;

U wara li indika l-lista tax-xhieda tieghu;

Talab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lill-intimat jirrilaxxa l-oggetti imsemmija fin-nota ta’ Qbid de quo favur tieghu u dan a tenur ta’ l-Artikolu 72 tal-Kap.37 tal-ligijiet ta’ Malta sabiex ir-rikorrenti jkun jista’ jibghat l-istess oggetti barra minn Malta u tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti dik is-somma li tigi stabbilita minn din il-Qorti in linea ta’ danni li sofra l-esponenti minhabba l-agir fuq

imsemmi ta’ l-intimat, prevja okkorrendo id-dikjarazzjoni li l-intimat hu responsabbli ghal dawn id-danni.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha risponda:
Illi d-dikjarazzjoni maghmula fuq il-*Customs form* ta’ dawn l-oggetti kienet tindika seba` *cartons “amusement games and spare parts”*. L-*original delivery order* u *certificate of insurance* kienu jsemmu “*amusement games and spare parts”*. Izda meta dawn gew ezaminati skond l-Artikolu 69A tal-Kap. 37 instab li dawn kienu *“gambling machines”* u “*spares”* ghal “*gambling machines”*;

Illi ghaldaqstant skond l-artikolu 6 tal-Kap. 37 kif ukoll l-Att XXV ta’ l-1989, nonostante li dawn setghu kienu ghar-riesportazzjoni jew le, dawn gew maqbuda;

Illi l-oggetti ghaldaqstant gew maqbuda skond il-ligi u l-esponent m’ghandux jikkompensa lir-rikorrent ghall-ebda danni, jekk eventwalment sofra danni oltre il-qbid ta’ l-istess oggetti;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad it-talbiet bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-Atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat
Illi l-kaz odjern jikkoncerna seba kaxxi li ngiebu Malta mir-rikorrent u li skond id-dokumenti prezentati minnu lid-Dwana kienu deskritti bhala ‘novelty games’ u anke amusement machines.

Illi r-rikorrent sostna li dawn il-kaxxi ma kienux destinati ghal Malta imma sabiex jigu mibghuta Sqallija u ghalhekk thallew fil-bonded stores.

Illi fuq suspett li dawn il-magni setghu kienu gambling machines, l-ufficjali tad-Dwana in forza tal-awtorita' attribwita lilhom bl-Artikolu 69A ghamlu ezami ta' din il-merkanzija fil-presenza tar-rikorrent, u skond huma sabu li dawn fil-fatt ma kienux amusement machines izda gambling machines, bir-rizultat li l-Kontrollur tad-Dwana fil-5 ta' Dicembru 1991 hareg Ordni ta' Qbid [numru 42/1991].

Illi rizultat ta' dan ir-rikorrent istitwixxa l-proceduri odjerni a bazi ta' dak li hemm kontemplat fl-Artikoli 72 u 73 tal-Kap.37; inoltre, fl-istess rikors talab dikjarazzjoni li l-intimat huwa responsabbli ghad-danni konsegwenzjali ghall-qbid tal-imsemmija kaxxi, u l-kundanna ghal-hlas ta' dawn id-danni li ghandhom jigu likwidati.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi basikament ma hemmx kuntrast dwar l-fatti suespost, hlief ghall-fatt li, filwaqt li r-rikorrenti qed isostni li n-'novelty games' minnu 'importati' huma amusement machines, l-intimat minn naha tieghu qed isostni li dawn fil-fatt kienu gambling machines li l-pussess taghhom f' Malta huwa illegali u li ghalhekk il-konfiska taghhom kienet lecita.

Illi inoltre r-rikorrent qed isostni li dawn il-kaxxi ma kienux, ghall-finijiet u effetti tal-ligi importati f' Malta fit-termini tal-Artikolu 2 tar-"Regolamenti dwar ir-restrizzjoni ta' l-uzu ta' makni ta' divertiment" minnu kwotat, imma kienu in transit fil-bonded stores intizi ghall-Italja bhala destinazzjoni finali taghhom.

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li, wara ezami tad-dokumenti esebiti, tikkonsidera l-versjoni tar-rikorrent li l-oggett kienu ab initio intizi ghall-Italja, hija inverosimili u improbabbli fic-cirkostanzi. Kif tajjeb issottometta l-intimat fin-nota tieghu, kemm mill-manifest, kemm mid-delivery order u kemm mic-certifikat tal-assikurazzjoni jirrizulta li l-

merkanzija kienet indirizzata lir-rikorrent b' indirizz Malti u li d-destinazzjoni indikata tal-merkanzija kienet Malta; u kien sussegwentement fil-31 ta' Mejju 1991, u cioe' <u>xahar u nofs wara</u> li l-merkanzija kienet waslet Malta, li gie redatt mir-rikorrent it-*Transhipment Shipping Bill* [doki.D u E fol.9] u li minghajr ma kien gie processat mid-Dwana, gie prezentat mir-rikorrent b' tentattiv dirett biex isostni t-tesi tieghu.

Illi inoltre, rigward il-prova tan-natura tal-magni importati, il-Qorti tirrileva li ghandu jirrizulta car li
l-oneru ta' din il-prova tirrisjedi fuq l-importatur li jkun dahhal il-magni fil-pajjiz. F' kaz ta' dubbju jew konflitt, bhal fil-kaz prezenti, huwa l-importatur u mhux il-Kontrollur tad-Dwana li ghandu <u>jipprova n-natura tal-oggett minnu importat u li dak li fil-fatt gie importat jaqa' fit-termini ta' dak li gie deskritt minnu </u>fid-dokumenti tad-dwana u dokumenti relattivi. Ghaldaqstant, gia la darba fil-kaz prezenti l-Kontrollor tad-Dwana qed isostni li l-magni mportati mir-rikorrent huma fil-fatt gambling machines, allura jispetta lill-istess importatur li jipprova li dawn il-magni kienu verament <u>amusement machines kif minnu allegat</u>.

Illi fil-kaz prezenti, ghalkemm ir-rikorrent kien pienament konxju tar-raguni li fuqha kienet harget in-Nota ta' Qbid, u ghalkemm fir-risposta tieghu ghar-rikors promotorju, l-intimat rribadixxa din ir-raguni, ir-rikorrent baqa' ma gab ebda prova sodisfacenti f' dan ir-rigward, bhal per ezempju xhieda ta' espert, anke *ex parte*, imma strah unikament fuq ix-xhieda ta' missieru John Said.

F' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent ma pprovax li dak minnu dikjarat fid-dokumenti relettivi ghall-importazzjoni kien jirrifletti dak li realment gie importat minnu.

Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma li t-talba tar-rikorrent ma giex sostnuta bi provi sodisfacenti u ghalhekk hija insostenibbli fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------